**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 27 ta` April 2017**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Nru. 230/12 JZM**

**Stephen Magri (Karta ta` Identita` numru 409560M) u ghal kull interess illi jista` jkollha Mary Grace Magri Gatt (Karta ta` Identita` numru 117360M)**

***kontra***

**Emanuel sive Noel Magri (Karta ta` Identita` numru 35957M), Anthony Magri (Karta ta` Identita` numru 447548M) u Celine Magri mart Anthony Magri (Karta ta` Identita` numru 119152M), u ghal kull interess illi jista` jkollha s-socjeta` en nom collectif "Magri & Zammit" (P 91)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-2 ta` Marzu 2012 li jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrenti u l-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri huma socji fis-socjeta` en nom collectif "Magri & Zammit" registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet bin-numru "P 91" ("is-socjeta`";*

*2. Illi ghal zmien twil is-socji ntimati mexxew is-socjeta` b`mod arbitrarju, fl-interessi taghhom u kontra l-interessi tas-socjeta` u tal-esponenti, kif ukoll mexxewha minghajr ma jaghtu rendikont tal-operat taghhom u tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istess socjeta`;*

*3. Illi meta l-esponenti talab informazzjoni u kjarimenti minghand is-socji ntimati dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u patrimonjali tas-socjeta` intimata, dawn ma tawhilux jew tawh informazzjoni mhux kompleta;*

*4. Illi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socji ntimati hadu jew hallsu lilhom infushom flus appartenenti lis-socjeta` jew hadu jew thallsu flus appartenenti jew dovuti lis-socjeta`, kif ukoll fethu kontijiet bankarji f`isimhom li fihom iddepozitaw, u minnhom zbankaw jew thallsu, flus appartenenti lis-socjeta` u dan kollu minghajr ma kienu ntitolati li jaghmlu hekk skont il-ligi;*

*5. Illi s-socji ntimati, minkejja li gew interpellati biex jaghtu rendikont diversi drabi, naqsu li jaghtu tali rendikont;*

*6. Illi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-intimati Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri, minghajr il-kunsens tar-rikorrenti ghamlu negozju ghalihom jew ghal haddiehor b`konkorrenza ghas-socjeta` intimata bi ksur tal-artikolu 30 tal-Kap. 386 u tal-klawsola 11 tal-istatut tas-socjeta` intimata, u ghalhekk huwa applikabbli s-subartikolu (2) tal-artikolu 30 tal-Kap. 386;*

*7. Illi b`konsegwenza ta` dan l-agir, l-affectio societatis bejn ir-rikorrenti u l-intimati ntemm ghal kollox, u inoltre kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza jezistu ragunijiet bizzejjed gravi li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta` intimata;*

*8. Illi r-rikorrenti Stephen Magri jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija:-*

*1. Tiddikjara illi jeżistu raġunijiet gravi bizzejjed biex jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjeta` intimata;*

*2. Tordna x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta` intimata;*

*3. Tinnomina stralċjarju għas-soċjeta` intimata; u*

*4. Tagħti dawk il-provvedimenti u direttivi li jidhrulha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma nġiunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-intimati li kienet prezentata fis-<u>16 ta` April 2012</u> li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament jiġi rilevat illi l-mertu f'din il-kawża hu mpernjat fuq kawżali identiċi għal dawk imressqa f'kawża oħra fl-istess ismijiet li għadha kif ġiet intavolata (Rikors Guramentat Numru 240/2012GC), kopja tar-rikors maħluf tal-kawża 240/12 GC qed tiġi annessa u mmarkata Dokument A. Billi d-deċiżjoni f'din il-kawża tolqot id-deċiżjoni fil-kawża l-oħra, u x-xhieda huma l-istess, u billi kienet il-kawża odjerna li ġiet intavolata l-ewwel, ikun opportun li għall-finijiet ta` prattiċita` u sabiex ikun hemm uniformita` fil-ġudizzju, dawn iż-żewġ kawżi jinstemgħu kontestwalment minn din l-Onorabbli Qorti.*

*2. Illi preliminarjament ukoll u biss jekk il-Qorti tiċħad dak sollevat u mitlub fl-ewwel paragrafu, din il-Qorti għandha tissoprasjedi pendenti tal-eżitu tal-kawża l-oħra fl-istess ismijiet (Rikors Ġuramentat Numru 240/2012GC).*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimati jeċċepixxu li t-talbiet attriċi in quanto bażati fuq il-kawżali kontenuti fir-rikors ġuramentat huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.*

*4. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti eccipjenti, jew min minnhom, mexxew is-socjeta` intimata "Magri & Zammit" b`mod arbitrarju, jew fl-interess taghhom jew kontra l-interessi tal-istess socjeta` jew tal-atturi.*

*5. Illi mhuwiex minnu wkoll illi l-esponenti eccipjenti, jew min minnhom, naqsu li jaghtu rendikont tat-tmexxija tas-socjeta` intimata jew li naqsu li jaghtu informazzjoni lill-attur dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u patrimonjali tal-istess socjeta`.*

*6. Illi a contrario ta` dak allegat mill-attur, jinghad illi l-istess attur kien ghal zmien twil fdat bit-tmexxija tas-socjeta` "Magri & Zammit", u meta hu abbanduna l-istess tmexxija naqas milli jaghti rendikont tal-operat tieghu liz-zewg socji l-ohra.*

*7. Illi inoltre, meta l-attur abbanduna t-tmexxija tas-socjeta` "Magri & Zammit", l-eccipjenti Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri kienu kostretti jiehdu f`idejhom huma t-tmexxija tal-istess socjeta` sabiex jissalvagwardaw dak li l-attur abbanduna.*

*8. Illi fil-perjodu li Emanuel sive Noel Magri u Anthony Magri ilhom jiehdu hsieb it-tmexxija ta` din is-socjeta`, dejjem ippruvaw izommu lill-attur infurmat b`dak li kien qieghed jigri u b`dak li kien fi hsiebhom jaghmlu izda l-attur, bil-komportament tieghu, wera bic-car li ma kienx interessat jikkoopera, li ried ifixkel u b`hekk injora ghal kollox kull komunikazzjoni mibghuta lilu.*

*9. Illi l-affermazzjonijiet f`paragrafu 4 tar-rikors guramentat huma michuda kategorikament mill-esponenti eccipjenti bhala ghal kollox gratuwiti, u konsegwentement foloz.*

*10. Illi similment foloz huma l-allegazzjonijiet maghmula mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti eccipjenti kif espressi fil-paragrafi 5 u 6 tar-rikors guramentat.*

*11. Illi huma l-istess intimati eccipjenti li salvaw u ghadhom qed isalvaw il-patrimonju tas-socjeta` "Magri & Zammit" wara li l-attur abbanduna l-amministrazzjoni tal-istess, u dan minkejja kull ostaklu li l-istess attur holoq u ghadu qed johloq sal-lum.*

*12. Illi a kuntrarju ta` dak allegat f`paragrafu 7 tar-rikors guramentat, mhuwiex minnu li l-affectio societatis bejn l-attur u l-eccipjenti intimati intemm b`konsegwenza tal-agir tal-esponenti, izda gara proprio il-kuntrarju.*

*13. Illi f`kaz li l-azzjoni odjerna, li ma hi xejn hlief azzjoni vessatorja, tigi akkolta, dan iwassal sabiex il-partnership en nom collectif jitlef il-hanut fi Strada Santa Lucia, Valletta, li fuqu jgawdi titolu ta` lokazzjoni.*

*14. Illi inoltre, a kuntrarju ta` dak allegat mill-attur fil-paragrafu 7 tar-rikors guramentat, f`dan il-kaz certament mhumiex l-eccipjenti li setghu taw jew qed jaghtu lok ghal dawk ir-ragunijiet li jistghu eventwalment jiggustifikaw ix-xoljiment u l-konsegwenti stralc tas-socjeta` "Magri & Zammit" ai termini tal-Artikolu 35(d) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ghaldaqstant ghad-diversi ragunijiet premessi, l-esponenti eccipjenti jissottomettu li l-azzjoni attrici, in quanto bazata fuq il-kawzali dedotti mill-atturi, m`ghandhiex tirnexxi.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xiehda.

Rat il-provi l-ohra.

Rat ukoll il-provi li tressqu fil-kawza nru 240/2012 JZM.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

Fil-kawza 240/2012 JZM, **Romuald Attard** ghall-Bank of Valletta plc spjega li kien hemm account number fl-isem ta` Anthony Magri u Noel Magri

bin-numru 40017163550 li nfetah fit-30 ta` April 2008. Ezebixxa statement ta` l-kont sad-data tat-28 ta` Marzu 2013. Huwa kkonferma li dan il-kont ghadu miftuh. Spjega li dan il-kont ma ghandhux xi *special designation*.

Fil-kaz tal-lum, **Romuald Attard** ezebixxa kopja ta` l-*opening of account form* tal-kont numru 40017163550, kif ukoll kopja tal-*joint account form* bil-firem tal-firmatarji.

**Emanuel Magri** xehed fil-kawza 240/12 JZM.

Xehed li hu jigi hu Stephen u Anthony Magri. Spjega li s-socji f`din is-socjeta` *Magri and Zammit* huma hu, Tony u Stephen. Spjega li dawn ghandhom ishma ugwali f`din is-socjeta`. Spjega li l-*partnership* tbiegh il-hwejjeg ta` l-irgiel. Ikkonferma li kien hemm tlett kumpaniji li gew xolti. Huwa kkonferma li fforma kumpanija tieghu bl-isem ta` *Future Fashions Limited* li tinnegozzja fi hwejjeg ta` l-irgiel. Din il-kumpanija giet iffurmata fl-2008 u fiha hemm hu u ibnu bhala azzjonisti u diretturi.

Sostna li *Magri and Zammit* kellha kont bankarju mal-Bank of Valletta. Spjega li f`*Magri and Zammit*, jistghu jittiehdu decizjonijiet minn tnejn mis-socji u hu u Tony kienu qalu lil Stephen sabiex jifthu kont iehor biex ikunu jistghu imexxu l-*partnership*. Sostna li Stephen Magri kien qed jaghmel il-bsaten fir-roti u ma riedx jinvolvi ruhu fit-tmexxija tal-hanut. Spjega li kellu jsir kont biex jithallas il-konsum tad-dawl u l-ilma kif ukoll sabiex jithallsu kontijiet ohra. Sostna li minkejja li kien hemm kont bankarju li kien jopera b`kunsens ta` tnejn mis-socji, hu u Tony ddecidew li jifthu kont iehor. Sostna li huma kienu jghidu lil Stephen biex jattendi ghal laqghat tal-*partnership* izda dan ma kienx jattendi.

Sahaq insista li biex ma jitilfux il-hanut, hu u huh kellhom imexxu n-negozju huma. Sostna li minn mindu sehhet il-likwidazzjoni tal-kumpaniji, ma sar l-ebda xiri minn barra mill-*partnership*. Spejga li kien hemm *stock* biss li kienu ppruvaw jakkwistawh. Spjega li l-inkwiet inqala` madwar tmien snin ilu u Stephen Magri beda ma jippartecipax minn dawn l-ahhar tlieta jew erba` snin. Skont Emanuel Magri, Stephen Magri kien ir-raguni ghalfejn kellha l-problemi l-*partnership*. Il-kont li nfetah minnu u minn huh Anthony infetah f`isimhom it-tnejn u sar mal-Bank of Valletta. Sostna li l-flus ta` dan il-kont kienu proprjeta` tal-*partnership*. Spjega li Stephen Magri gie nfurmat b`dan il-kont izda dan ma ppartecipax u ma attendiex ghall-laqghat.

Stqarr illi l-ewwel kont bankarju kien *any two to sign* izda ma jiftakarx jekk kienx inghalaq. Huwa spjega li l-*partnership* kellha zewg hwienet, wiehed fi Strada Santa Lucija u iehor fi Strada Rjali. Iz-zewg hwienet kienu bil-kera.

Spjega li huma kienu gew daharhom mal-hajt ghax Stephen kien dejjem jostakolahom. Sostna li kien hu li talab il-likwidazzjoni tal-kumpaniji. Spjega li f`dawn l-ahhar zminijiet, *Magri and Zammit* kellha zewg impjegati, imbaghad spiccat b`wiehed u imbaghad b`xejn. Fl-2008, hija kellha zewg impjegati, eskluzi huma. Spjega li fil-hanut ta` Strada Rjali ma kienx ghad fadlilhom *stock* u ma setghux imexxu aktar.

Spjega li kienu tkellmu mas-sid tal-hanut ta` Strada Rjali u kienu waslu fi ftehim li dan ihallashom ta` somma flus biex jirrilaxxjaw il-kera. Spjega li flok ghalqu l-hanut u tilfu c-cwievet, huma ppruvaw jiggwadanjaw. Il-flus li nghataw gew depozitati l-bank fil-kont li kien gie miftuh minnu u minn Anthony. Sostna li kienu nfurmaw lil Stephen b`dan kollu. Insista li minn dawn il-flus ma hadu xejn u ghadhom il-bank. Kompla jixhed li ma jistghux joperaw il-hanut l-iehor peress li ma ghandhomx flus. Spjega li biex jopera, jridu johorgu mill-flus personali taghhom ghaliex mhux ser jiehdu flus mill-*partnership*. Spjega li mill-flus li nghataw mis-sid tal-hanut ta` Strada Rjali, riedu jhallsu l-kontijiet. Spjega li ghalkemm kien fadal xi flus, huma kienu rinfaccjati b`sitwazzjoni fejn Stephen Magri kien il-hin kollu joggezzjona . Xehed li ma xoljewx il-*partnership* dak il-hin minhabba li kienu jitilfu l-hwienet.

Qal illi *Future Fashions Limited* tirraprezenta u tbiegh prodotti ta` *Springfield. Magri and Zammit Operations* kienet tirraprezenta din il-ditta. Ikkonferma li huh Stephen kien oggezzjona ghal dan. Sostna li l-kumpaniji taghhom kellhom xi ditti fosthom id-ditta *Springfield. Springfield* qatt ma kienet tal-*partnership.* Spjega li meta l-kumpaniji kienu qed jigu likwidati, din id-ditta ta` *Springfield* kienet ser tintilef u ghalhekk huwa kien avvicina lil *Springfield* u nghata din id-ditta biex jbieghha mill-kumpanija l-gdida tieghu. Huwa qatt ma pprova biex minghand il-kumpaniji taghhom jghaddi din id-ditta lil *partnership*. Sostna li kien jaf li kien hemm il-problemi fil-*partnership*.

Ikkonferma li thallsu somma minghand is-sid tal-hanut ta` Republic Street u dana sabiex il-pussess ta` dan il-hanut jigi ritornat lis-sid. Din is-somma kienet tammonta ghal EUR 139,000. Spjega li dawn il-flus tpoggew f`kont bankarju f`ismu u f`isem huh Anthony ghan-nom tal-*partnership* u li dawn il-flus ghadhom hemm iddepozitati. Huwa insista li personalment hu u huh Tony ma hadu xejn minn dawn il-flus izda sempliciment kienu hargu xi flus biex jaghmlu tajjeb ghal *partnership* u mbaghad sussegwentement, dawn gew imhallsa lura lilhom. Spjega li dan kollu sehh fi zmien meta diga` kellhom il-proceduri tax-xoljiment tal-kumpaniji l-ohra konkluzi.

Qal illi hu u Tony dejjem attendew ghal laqghat u tramite *accountant* zammew il-minuti tal-laqghat, izda Stephen ma kienx jippartecipa. Sostna li dak li kien qed isir kien bil-ghan li tigi salvata l-*partnership*. Spjega li d-diffikultajiet ma` huh Stephen inqalghu zmien qabel ma` nghataw il-flus mis-sid tal-hanut.

Ikkonferma li kien gie xoghol minn barra li kellu jithallas u per konsegwenza, dan ix-xoghol thallas minn flus personali tieghu u ta` huh Tony. Spjega li imbaghad hu u Tony hadu lura dawn il-flus, il-*partnership* kienet ghadha mhiex xolta. Gie spjegat li lanqas illum, din il-*partnership* ghadha mhiex xolta.

Xehed illi skont l-istatut tal-*partnership*, hemm awtorizazzjoni li l-hlasijiet setghu jsiru minn tnejn mill-*partners*. Il-merkanzija li kienet thallset originarjament minn flus personali tieghu u ta` huh Tony, kienet giet ordnata mill-*partnership*. Ippreciza li din il-merkanzija kienet konsistenti f`qomos u affarijiet ta` dik l-ispecie u li tali merkanzija kienet giet ricevuta minn kumpaniji ohra u mhux mill-*partnership*, ossija minn kumpaniji ohra li kienu that stralc fi proceduri ohra. Ikkonferma li dak iz-zmien gia` kien hemm l-inkwiet fil-*partnership* u l-intenzjoni kienet li anke l-*partnership* tigi stralcjata. Spjega li hu u huh Tony ma kellhomx triq ohra ghajr li jixtru din il-merkanzija minghand l-istralcjarju tal-kumpanija l-ohra. Dana minhabba li huma kellhom l-impjegati u l-kirjiet tal-hwienet izda ma kellhomx *stock*.

Qal illi dik il-merkanzija kienet ilha ordnata hafna qabel u kellha tigi *cleared* mid-dwana. Insista li dak kollu li ghamel kien b`intenzjoni tajba. Huwa sostna li l-merkanzija kwazi nbieghet kollha u r-rikavat mar f`dak il-kont ghan-nom tal-*partnership*. Ikkonferma li Magri u Zammit illum huwa maghluq u anke l-*partnership* huwa maghluq. Il-*partnership* kellha hanut go Strada Rjali u iehor go Strada Santa Lucija. Il-hanut ta` Strada Rjali giet rinunzjata l-kirja teighu u gew imhallsa xi flus li marru fil-*partnership*. Il-hanut l-iehor ta` Strada Santa Lucija ghadu maghluq u mhux qed jopera ghalkemm ghadu tal-*partnership*.

Stqarr illi r-rinunzja tal-kera tal-hanut fi Strada Rjali saret wara diversi laqghat li ghalihom Stephen qatt ma ppartecipa fihom. Spjega li meta l-offerta tas-sid kienet l-ahjar offerta li setghu jghollu, hu u huh Tony infurmaw lil Stephen u pprocedew bir-rinunzja tal-kirja. Spjega li llum il-gurnata huwa direttur f`kumpanija bl-isem Future Fashion Limited liema kumpanija giet kostitwita fl-2008. Spjega li l-genru tan-negozju ta` din il-kumpanija huwa relatat ma` hwejjeg u l-azzjonisti ta` din il-kumpanija huma hu u ibnu Brian Magri. Ikkonferma li din il-kumpanija ghandha generu ta` negozju simili ghal dak tal-*partnership en nom collectif*.

Fisser illi meta beda d-dizgwid, huwa kien ipprezenta kawza ghaliex ried li hutu jaghtuh sehmu u b`hekk johrog `il barra. Spjega li huwa ma kellux hsieb li jiehu xi ditta jew ohra. Izda hutu ma ridux jaghtuh sehmu ghax ma bdewx jaqblu. Spjega li huh Stephen lanqas kien ihallih jiltaqa` mar-rapprezentanti barranin tad-ditta *Springfield*. Huwa kkonferma li l-hanut fi Strada Rjali fejn il-*Wembley* inxtara minghand il-likwidatur minn *Zaira Holdings*. Spjega li huwa l-uniku azzjonist f`*Zaira Holdings*. Spjega li Zaira Limited kienet kumpanija li kellha n-negozju ta` *underwear*. Huwa cahad li din il-kumpanija nnegozjat fid-

ditta *Springfield*. Id-ditta tal-underwear kien jisimha *Women`s Secret* u din kienet parti mill-grupp ta` *Cortefiel*. Spjega li *Cortefiel* kellhom numru ta` ditti li wahda minnhom kienet *Women`s Secret* u ohra kienet *Springfield*, fost ohrajn.

Xehed li din il-kumpanija kienet haditha partner tieghu izda l-kumpanija kienet falliet u ghalqet. Huwa cahad li *Zaira Holdings* tinnegozja fl-ilbies ta` l-irgiel. Spjega li kulma ghandha din il-kumpanija *Zaira Holdings* huwa l-bini f`Republic Street. Spjega li llum hemm il-*Promod*. Spjega li l-*Promod* mhuwiex tieghu u *Zaira Holdings* ma ghandhiex x`taqsam fil-generu tal-hwejjeg.

**<u>Amanda Poole</u>** mir-Registru tal-Kumpanniji pprezentat_il-memorandum u l-articles of association flimkien ma` l-annual accounts ta` Future Fashions Limited. Spjegat li din il-kumpanija bin-numru ta` registrazzjoni C 43776 giet registrata fl-14 ta` Marzu 2008. Ikkonfermat li l-accounts huma abridged.

**<u>Victor Camilleri</u>** xehed fil-kawza 240/2012 JZM.

Stqarr illi huwa awditur u *accountant*. Spjega li gie avvicinat minn Stephen Magri sabiex jghinu jasal ghal pozizzjoni finanzjarja li kienet tinsab fiha l-*partnership Magri and Zammit*. Spjega li Stephen Magri kien laqqghu mal-persuna li kienet tiehu hsieb l-*accounts* li kienet David Zammit. Xehed li Stephen Magri kien ghaddielu xi informazzjoni li ma kinitx adegwata biex huwa seta` jifforma opinjoni u jaghti l-parir tieghu. Ghalhekk, saret laqgha ma` David Zammit biex huwa jispjegalu x`kellu bzonn.

Spjega li qabel din il-laqgha, huwa kien gia` kkorrisponda ma` David Zammit biex jaghtih certu informazzjoni izda din l-informazzjoni ma kinitx inghatat lilu. Spjega li huwa kien qed jitlob li jinghata stampa ta` dak li hu tal-*partnership* u dak limhwiex. Spjega li huwa kien baghat varji email lil David Zammit u kien anke elenka dak li kellu bzonn izda hass li dan ma kienx qed jifhmu. Spjega li l-elenku ta` dak li kellu bzonn kien baghatha ukoll lill-ahwa kollha.

Spjega li kien talab l-ammont dovut lil Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-ammont dovut lil income tax, ammonti dovuti fuq bolol, sigurta` socjali. Intalab ukoll informazzjoni dwar x`kien hemm ammonti depozitati l-bank ; jekk kienx hemm ammonti dovuti lil VAT u jekk kienx hemm ammonti dovuti versu kirjiet. Intalab ukoll jekk kienx hemm djun ma` terzi persuni jew krediti ma` terzi persuni. Sostna li r-risposta ghal dawn il-kweziti qatt ma waslet. Spjega li Zammit kien qed isostni mieghu li ma setax jaghtih din l-informazzjoni ghax ma kellux opening balances. Spjega li David Zammit fi stadju minnhom kien qallu biex ikellem lil *partners* forsi jaghtuh l-informazzjoni huma. Sostna li huwa qatt

ma seta` jaghmel rapport lil Stephen Magri ghaliex ma kellux informazzjoni bizzejjed li ried.

Qal illi fil-kors ta` din il-kawza, huwa kien inkarikat jaghmel business valuation f`isem l-azzjonisti tal-kumpaniji *Magri and Zammit* Group, ossija Noel, Stephen u Tony, ahwa Magri. L-inkarigu tieghu kien jirrelata l-operat li kienu qed jaghmlu. Fl-arkadia, dawn kienu jbieghu l-prodotti tad-ditta *Springfield*. Spjega li dak iz-zmien, dawn kellhom skrivan li kien jiehu *daily sales* tal-hwienet u huwa kien gabar l-informazzjoni minghand dan l-iskrivan li kien jismu Noel Scerri. Spjega li l-profitt tas-sena 2004 kien ta` Lm 13544. Spjega li f`Birkirkara, kienu jinbieghu zewg prodotti izda t-*turnover* ta` *Springfield* kien gie mahdum minnu fuq il-pagna ta` wara tar-rapport tieghu.

Fil-k**ontroezami**, xehed illi ghamel valutazzjoni ibbazata fuq *last year`s profits times five*. Huwa spjega li kien konsapevoli li kien hemm dizgwid bejn il-partijiet meta gie nkarigat jaghmel din il-valutazzjoni. Huwa spjega li l-mod kif kienu l-hwienet finalment jigi rifless it-*turnover*. Huwa spjega li hemm relazzjoni bejn il-post fejn qieghed u t-*turnover* li qed jigi generat. Spjega li jekk hemm hanut il-Hamrun u iehor il-Belt, it-*turnover* huwa differenti u ghalhekk il-profitt jkun differenti. Huwa spjega li ma jafx ghalfejn il-marka *Springfield* ma baqghetx tal-grupp.

Qal illi huwa kien ilu jahdem bhala awditur tal-kumpaniji tal-ahwa Magri sa mis-snin disghin, izda imbaghad waqaf minn dan l-inkarigu meta kellhom xi jghidu bejniethom. Spjega li huwa kien jaf li kien hemm *partnership*. Spjega li ma hemmx bzonn firma ta` awditut fuq *partnership* u ghalhekk huwa ma kienx involut fil-*partnership*. Spjega li l-kotba tal-*partnership* kienu jinzammu fl-istess ufficju li kienu jzommu l-kotba tal-kumpaniji u dak iz-zmien kien jiehu hsiebhom Noel Scerri. Spjega li dan kien book keeper. Spjega li Stephen Magri kien jahdem fl-administration. Huwa sostna li qatt ma kellu x`jaqsam ma` *accounts* tal-*partnership* ghal fini ta` taxxa.

Huwa kkonferma li jaf li din il-*partnership* kienet itmporta l-hwejjeg u gieli kienet taghmel distribuzzjoni taghhom lill-kumpaniji taghhom stess. Ikkonferma li l-*partnership* kellha zewg hwienet li kienu mikrijin lilha. Spjega li huwa kien tkellem ma` l-istralcjarju tal-kumpaniji.

**Stephen Magri** xehed li hu u hutu Anthony u Emanuel kienu azzjonisti u socji f`xi kumpaniji u *partnership*s. Spjega li kien hemm tlett kumpaniji *Magri and Zammit Operations*, *Magri and Zammit Retail* u *Magri and Zammit Holdings*. Spjega li hu u hutu kienu socji fil-*partnership Magri and Zammit*. Spjega li dawn kienu lkoll jinnegozjaw fi hwejjeg apparti l-kumpanija *Magri and Zammit* Holdings li kienet izzomm il-propjetajiet. Spjega li d-diretturi u s-socji

kienu dejjem l-ahwa Magri. Xehed li l-inkwiet beda fl-2001. Kienet inbdiet kawza bin-numru 619/2003 minn Noel Magri ghaliex kien qed jsostni li huwa kien qed jigi diskriminat u li ried ixolji l-kumpaniji. Spjega li din kienet azzjoni taht l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Spjega li r-risposta ghal din il-kawza saret minnu u Anthony Magri. Din il-kawza giet deciza. Sosnta li l-inkwiet beda meta huh Noel beda relazzjoni extra konjugali ma` Sharon Cachia.

Kompla jixhed li dak iz-zmien, Noel Magri talab li hu u huh jaghmlulu garanzija fuq il-proprjeta`. Spjega li dak iz-zmien kien hemm ditta bl-isem Women` s Secret li kienet parti mill-grupp ta` *Cortefiel* li kellha wkoll id-ditta *Springfield*. Spjega li *Springfield* kienet rapprezentata minn *Magri and Zammit* Retail. Spjega li Noel ried li jiftah hanut ta` l-abbiljament biex hu jkun jista` jkollu l-fondi ghax ried il-flus biex japplika ghall-annullament taz-zwieg tieghu. Spjega li hu ried jaghmel business personali u jiggestih hu. Spjega li hu u Tony kienu oggezzjonaw ghal dan ghax ma ridux li jkun hemm kompetizzjoni diretta fl-istess linja tal-hwejjeg. Kompla jghid li Noel ried li jgib *brand* ohra gdida li qeghda taht il-grupp ta` *Cortefiel.*

Huwa xehed illi fl-*istatus* u fil-*memorandum* u *articles of association* kien hemm imnizzel li ma jistax ikun hemm kompetizzjoni diretta. Spjega li Noel kien imbaghad siefer ma` Tony Magri biex isiru l-ordnijiet u dakinhar Noel kien ipprezenta zewg pjanti lid-ditta Corte Effiel u dana sabiex jiftah zewg hwienet b`*Women`s Secret*. Spjega li hu u Tony kienu oggezzjonaw ghal dan. Spjega li din l-oggezzjoni kienu ghamluha kemm lil rapprezentanti ta` *Women` s Secret* kif ukoll lil Bord. Spjega li safrattant kienu qed ifittxu hanut f`Birkirkara biex jifthuh bi *Springfield*. Spjega li Noel u Tony kienu inkarigati biex isibu dan il-hanut, izda imbaghad ma sabu hanut f`Birkirkara, dawn bdew jiggieldu ghalih bejniethom ghax riduh ghalihom personali. Spjega li dan il-hanut spicca infetah minn Noel b`*Women`s Secret.*

Kompla jghid li r-relazzjoni baqghet sejra lura u Noel fetah dik il-kawza biex ixolji l-kumpaniji. Spjega li t-tmexxija tal-*business* kien jiehu hsiebu Noel izda imbaghad gew ir-rapprezentanti ta` *Springfield* minn barra u infurmawhom li l-business ma kienx sejjer tajjeb u ntalbu jiehdu azzjoni. Spjega li b`decizjoni tal-Bord, huwa gie nominat biex jibda jmexxi lil *Springfield*. Spjega li mhuwiex minnu li kien hu li nehha lil Noel Magri milli jmexxi *Springfield*, izda din kienet decizjoni tal-Bord. Spjega li l-kumpaniji gew xjolti fl-2008 pero` l-*partnership* ma gietx xolta. Spjega li n-negozju baqa` ghaddej sakemm il-kumpaniji gew xjolti.

Kompla jghid li wara li nfethet il-kawza minn Noel Magri, fl-2004, Anthony Magri biddel fehmtu u kien talab li jrid sehmu wkoll biex b`hekk huwa spicca *minority shareholder*. Spjega li hu u Anthony kienu rrispondew il-kawza mibdija minn Noel fis-sens li riedu li l-kumpaniji jibqghu joperaw peress li l-kumpaniji kellhom *brands* tajbin hafna izda imbaghad iktar tard fil-kawza,

Anthony kien biddel hsiebu. Spjega li meta Anthony Magri talbu ghal sehmu, kien hemm applikazzjoni mal-MEPA bin-numru 03577.04 maghmula minn Anthony Magri ghal hanut tal-hwejjeg. Spjega li Anthony Magri kien qed jinteressa ruhu fid-ditti l-ohrajn. U huwa kien irregistra din l-oppozizzjoni tieghu ghal dak li kien qed isir anke permezz ta` protesti gudizzjarji. Spjega li l-ahwa kienu jiltaqghu darba ghall-kumpaniji kollha u in fatti, kien jigi diskuss kollox f`daqqa.

Kompla jixhed illi ghal habta ta` Ottubru 2004, saret *draw down* ta` self li kellha l-kumpanija, li kien fl-ammont ta` Lm 130,000. Spjega li huwa ma kienx jaf kif ingibdu dawn il-flus. Kien induna b`dan mill-*istatement* li ntbaghat mill-bank u xhin mar isaqsi l-bank, dawn infurmawh illi din is-somma kienu hadu Lm 65,000 kull wiehed Anthony Magri u Noel Magri. Huwa spjega li ma kienx qabel maghhom li jittiehdu dawn il-flejjes u kien avvicina lill-avukat tieghu dwar dan li kien kiteb ittra lill-ahwa Magri. Spjega li huwa kien ghamel mandat u ma kienx thallas sakemm thallas minghand l-istralcjarju tal-kumpanija fl-2012. Insista li s-sitwazzjoni kienet wahda ta` kunflitt u l-affarijiet kienu iktar qed jaggravaw.

Ikkonferma li huwa qed jaghmel din il-kawza sabiex ixolji l-*partnership* . Din il-*partnership* baqghet tinnegozja u huwa ppretenda li setghu jmexxu l-*franchises* li kellhom . Spjega li fir-realta` *Springfield* hada Noel Magri mentri l-ohrajn ma sar xejn minnhom. Qal li Anthony Magri kien offra li jista` jaghti s-sehem tieghu b`xejn u hu u Noel Magri offrew li jkomplu jmexxu flimkien jew separatament. Spjega li huwa ried ikun jaf il-pozizzjoni tal-*partnership* peress li z-zewgt ihwienet kienu b`kera fuq isem il-*partnership Magri and Zammit*. Spjega li huwa talab informazzjoni minghand hutu dwar l-assi u l-passiv tal-*partnership* kif ukoll l-*accounts* tal-*partnership*. Spjega li l-*accounts* ma nghatawx lilu u ghalhekk, kien inkariga lil Victor Camilleri bhala awditur. Huwa insista li kien jattendi ghal laqghat tal-*partnership* kuntrarjament ghal dak li sostna huh Noel Magri.

Stqarr illi huwa kien informa lil hutu li kien interessat f`wiehed mill-hwienet li kienu b`kera ghand il-*partnership*, izda baqa` jinsisti li sabiex jiehu decizjoni, ridt ikun jaf x`kienet il-pozizzjoni tal-*partnership*. Spjega li wara xi gimghat, hutu hadu decizjoni li jirritornaw il-fond lis-sid ghal prezz ta` EUR 139,000 meta huwa kellu valutazzjoni tal-perit Paul Camilleri li fl-2004, kien stima it-*tenancy* ta` dan il-fond ghal valur ta` Lm 400,400. Spjega li minn qari tal-minuti irrizulta li din is-somma ta` EUR 139,000 kienu ser jitpoggew fl-account tal-*partnership* izda din is-somma qatt ma nstabet. Huwa kkonferma li ghandu terz minn din is-somma.

Kompla jghid li dan il-kont bankarju nfetah minn Anthony u Noel Magri fuq isimhom biss meta l-*partnership* kellha gia` *current account* u ghalhekk ma

kien hemm l-ebda skop li jifthu account f`isimhom biss. Huwa kompla jghid li l-hanut l-iehor li jinsab quddiem il-Qorti qieghed b`kera ghand il-*partnership*. Spjega li Victor Camilleri ma kienx sodisfatt bl-informazzjoni li nghata u ghalhekk, huwa qatt ma seta` jara stampa cara tal-*partnership*.

Fil-**kontroezami** sostna li l-franchises kienu tal-kumpaniji u li l-*partnership* ma kellhiex *franchises*. Insista izda li huma kellhom grupp wiehed u kienu jaghmlu gestjoni wahda. Spjega li zmien qabel, kollox kien fuq il-*partnership* u meta nfethu l-kumpaniji, id-ditti li kien hemm fuq il-*partnership* gew imcaqilqa ghal fuq il-kumpaniji. Sostna li bhala franchise qatt ma kien hemm fuq il-*partnership*. Huwa sostna li fl-2001, in-negozju u l-overdrafts b`kollox li kellha l-*partnership*, gew imcaqilqa ghal fuq il-kmpaniji. Huwa kkonferma li l-*partnership* kienet inzammet peress li kellha l-kirjiet u ghaliex dawn iz-zewg hwienet kellhom reputazzjoi bhala marka.

Huwa kkonferma li kien hu li zamm il-kotba tal-kumpaniji sa 2006 sakemm dahal certu David Zammit li hadlu postu. Spjega li kien hemm *accountant* li kien jipprepara l-*accounts*. Sostna li meta kien izomm il-kotba tal-kumpaniji, il-volum tal-*partnership* kien tajjeb hafna. Sostna li fil-*partnership* baqa` ammont konsiderevoli tajjeb ta` negozju ghalkemm il-bejgh mill-kumpaniji beda jizdied meta kellhom l-franchises. Huwa sostna li r-raguni ghalfejn saru l-kumpaniji kienet li kienu bdew jespandu u nghataw parir li l-proprjeta` li kienu qed jixtru tinxtara fuq kumpanija. Huwa qabel li sakemm inqala` d-dizgwid, huwa kellu r-rwol principali ta` l-aspett amministrattiv tal-kumpaniji filwaqt li hutu l-ohra kienu aktar *in charge* mill-hwienet. Ikkonferma li kien dahal xi haddiehor jiehu hsieb il-kotba minfloku, meta kienet inbdiet il-kawza minn huh ghal xoljiment tal-kumpaniji.

Insista li n-negozju tal-*partnership* kellu jitkompla awtomatikament. Spjega li huwa kien qed isaqsi ghal informazzjoni tramite l-avukat biex ikun jista` jiehu decizjonijiet infurmati izda ma kinux qed jaslu risposti ghandu. Huwa kkonferma li kien anke attenda laqghat u talab din l-informazzjoni. Kompla jghid li huwa kellu access ghal bank account tal-*partnership* fejn hemm ismu. Fejn infethu kontijiet mhux fuq ismu, huwa ma ghandux access. Insista li fl-2008, iz-zewg hutu fethu l-account fuq isimhom u bdew jitfghu l-flus fih. Spjega li huwa staqsa lil David Zammit u lil hutu l-ohra dwar xi djun kellha l-*partnership*. Spjega li fl-2008, huwa kien jghaddi mill-hanut u jarahom qed joperaw u kien anke jidhol. Spjega li kien minn hemm li skopra li nfetah account fuq isimhom peress li kien qed isir id-deposit tas-sales f`dan il-kont il-gdid. Qal illi l-hwienet ma baqghux joperaw fl-2011.

Spjega li wiehed mill-hwienet gie ritornat lis-sid u nghalaq mentri l-iehor baqa` miftuh u mbaghad inghalaq ghax f`xi laqgha sostnew li l-bejgh kien nizel hafna u m` ghandhomx x`ibieghu. Huwa kkonferma li trid tinxtara merkanzija

biex ikun jista` jkun hemm bejgh. Sostna li ma kienx jaf bis-suggeriment ta` hutu li l-merkanzija kellha tinxtara *on a cash basis* biex il-*partnership* ma tinkorrix dejn. Spjega li huwa ma kienx dispost li l-*partnership* tinkorri dejn biex tixtri l-merkanzija u dana minhabba li l-klima bejn l-ahwa ma kinitx tajba. Huwa sostna li kien hemm flus fl-*account* biex tinxtara l-merkanzija.

Stqarr illi l-ahhar laqgha li attenda ghaliha sehhet fl-2010 jew fl-2011. Sostna li kien attenda laqgha f`Novembru 2010 li fiha kienu attendew hutu. Kien attenda wkoll laqgha ohra f`Marzu 2011 liema laqgha saret fl-ufficju ta` David Zammit. Spjega li David Zammit huwa *accountant*. Spjega li kienu jissejhu laqghat tal-grupp, ossija kemm tal-kumpaniji u tal-*partnership*. Spjega li fl-2008, il-kumpaniji gew xolti u gie appuntat stralcjarju, izda l-*partnership* baqghet. Insista li kienu jsiru diversi laqghat ghal kumpaniji u l-*partnership* u dana fi zmien waqt li kienet ghaddejja l-kawza. Spjega li ghall-ewwel kienu jattendu l-ahwa izda mbaghad Noel Magri qabbad avukat biex jidher minfloku u ghalhekk, huwa kien ghamel l-istess. Spjega li apparti ghal dawn il-laqghat, kienu jsiru management meetings fl-ufficju taghhom u dana anke waqt li kienet ghaddejja l-kawza.

Qal li waqt li kienet ghaddejja l-kawza, in-negozju tal-*partnership* kien ghaddej normali. Spjega li d-decizjonijiet li kienu jittiehdu kien jsiru billi jkun hemm qbil bejn tnejn minnhom. Spjega li fl-2003, huwa spicca *minority shareholder*, u ma kienx qed jaqbel mad-decizjonijiet tant li kien jastjeni jew jivvota kontra fil-laqghat tal-*partnership* u tal-kumpaniji. Spjega li sa l-2008, il-*partnership* kienet qed tixtri minghand il-kumpaniji taghhom stess u li l-*partnership* ma kellhiex strategija kif ma tinkorriex djun ma` terzi persuni. Sostna li peress li fil-*partnership*, kien hemm responsabbilita` personali , sa fejn jaf hu, il-*partnership* ma kellhiex exposure hlief ghal kontijiet normali tad-dawl u lilma u affarijeit hekk. Spjega li l-kumpaniji kienu jixtru minghand ditti ta` barra, izda huwa dejjem sostna li ma kienx qed jigi nfurmat b`dak kollu li qed isir.

Huwa kkonferma li f`xi zmien kien gie suggeriet li huh Anthony johrog mill-*partnership* u hu u Noel jaqsmu l-*partnership* bejniethom fejn wiehed jiehu hanut u iehor jiehu l-hanut l-iehor. Madanakollu, huwa qabel ghal dan is-suggeriment basta li jkun moghti dettalji dwar il-pozizzjoni tal-*partnership*, inkluz l-*accounts* fl-intier taghhom. Spjega li David Zammit fil-laqghat li saru fl-ufficju tieghu, ma kienx ta il-pozizzjoni ezatta tal-*partnership*. Spjega li ghalhekk kellu jqabbad awditur biex jipprova jifhem hu izda dan ma kienx qed jifhem ezatt x`inhi l-pozizzjoni bil-konsegwenza li huwa baqa` jitlob li jinghata d-dettalji anke permezz ta` l-avukat tieghu. Ikkonferma li fil-laqghat li saru ma` David Zammit, huwa kien inghata xi files . Huwa kkonferma li dawn il-files ghadhom ghandu u huma tal-*partnership*.

Kompla jixhed li minn dawn il-files li nghataw lilu jew fl-2010 jew fl-2011, nstabu s-*sales* tal-hwienet. Mis-*sales* tal-hwienet, xorta ma tkunx tista` tkun ta fil-pozizzjoni tal-*partnership*. Sostna li huwa nghata dawn il-files biex jidhku bih ghax dawn kienu biss *sales* tal-hwienet. Sostna li huwa kien qed jitlob l-informazzjoni dwar il-pozizzjoni tal-*partnership* sabiex ikun jaf x`dejn ghandha u x`ghandha l-bank. Huwa kompla jispjega li s-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell inghatat fl-2008 li permezz taghha gew likwidati l-kumpaniji. Spjega li l-*partnership* kellha *stock* fl-istore ta` fuq u fl-istores tal-Hamrun. Spjega li huwa kellu d-dubbju tieghu li l-*partnership* qed tiddejjen. Insista li huwa ma jafx li David Zammit qatt qallu li l-*partnership* ma kellhiex liabilities. Spjega li Zammit kien jghidlu li kollox tah bhala dokumenti izda l-awditur kien jghidlu li ma setghux ikunu jafu l-pozizzjoni.

Qal li kien anke ghamel lista ta` l-informazzjoni li kien jinhtieg li kienet tinkludi kemm ghandhom jaghtu pagi, kemm ghandhom jaghtu lin-national insurance, kemm ghandhom jaghtu VAT, kemm ghandhom jaghtu dawl u ilma u kemm ghandhom jaghtu kontijiet tat-telefon. Spjega li fl-2008, kien hemm tlett haddiema fil-hanut izda ma kienx jaf jekk dawn kinux qed jithallsu. Fil-laqgha li saret, kien gew diskussi l-istatements tal-bank u fl-ahhar kien tah kopja David Zammit. Spjega li kien intqal li jekk il-*partners* kollha jitfghu l-flus, Noel kien lest li jopera. Spjega li Tony ukoll kien qabel izda huwa kien insista li qabel ma` jkun jaf kif inhi l-pozizzjoni tal-*partnership*, huwa ma kienx ser jiehu decizjoni. Spjega li mill-bank statements, huwa ma setax ikun cert li kollox kien qed jithallas. Per ezempju, huwa ma giex moghti r-return tal-VAT biex ikun cert li l-VAT kien qed jithallas fl-intier.

Ikkonferma li anke l-awditur inkarigat minnu ma setax jasal ghal konkluzzjoni dwar il-pozizzjoni tal-*partnership*. Huwa kien oggezzjona li jinxtara l-i*stock* minghand l-istralcjarju tal-kumpaniji. Spjega li dak l-i*stock* kien inxtara meta il-kumpaniji kienu gia` xolti permezz tad-decizjoni tal-ewwel Qorti moghtija fl-2007. Ikkonferma li din il-merkanzija kienet inxtrat mill-kumpaniji pendenti l-ezitu ta` l-appell. Spjega li huwa oggezzjona ghax-xiri ta` din il-merkanzija peress li tghabbew bil-piz u kellhom jithallsu hafna dwani u affarijiet ohra. Spjega li huwa ma jiftakarx x`soluzzjoni offra biex jigri minnu dan l-i*stock*. Spjega li z-zewg hutu l-ohra qabdu u ddecidew. Sostna li l-istralcjarju seta` jbiegh din il-merkanzija lil persuni ohra. Huwa sostna li sa issa ghadu ma jafx kif thallset id-dwana.

Sostna li sar jaf li l-i*stock* inxtara mill-*partnership* u li l-i*stock* beda jinbiegh mill-hwienet. Ikkonferma li fil-laqghat ta` l-2011, kien gie infurmat li dan l-i*stock* kien qed jinbiegh. Spjega li l-pozizzjoni tieghu kienet li kellu jiehu Lm 65,000 ta` drawdown ta` loan li kienu ghamlu hutu. Spjega li dawn kellu jehodhom mill-kumpaniji u kellu jiehu lpagi mill-kumpaniji u mill-*partnership*. Spjega li huwa kien qed jigi mizmum li jithallas il-paga. Spjega li l-ohrajn kellhom il-hwienet taghhom u kienu qed joperaw mill-hwienet taghhom. Wiehed

kellu *Women` s Secrets* u l-iehor kien fetah *Carpisa*. Fl-2007, saret applikazzjoni biex Noel permezzz ta` Sharon Zammit jiftah hanut iehor il-Belt u kien qed jipprepara biex jiehu *Springfield*. Spjega li huwa ma kienx f`pozizzjoni li jitfa` l-flus qabel ma` l-affarijiet jigu ccarati.

Huwa xehed li ma qghadx jahseb fi proposti u ma hasibx x`irid isir mill-hanut li ghadu b`kera ghand il-*partnership*. Huwa sosnta li jista` jiehdu wiehed mill-*partners* jew il-hanut jinghata lura lis-sidien. Ikkonferma li l-istralcjarju kien hareg offerti biex jintefghu offerti biex jinxtara l-i*stock* li kellhom l-kumpaniji. Huwa kkonferma li kien anke ghamel offerta biex jixtri dak l-i*stock*. Spjega li kieku xtara dan l-i*stock*, kien behsiebu jaghmel warehouse sale u jbieghu Spjega li ma giehx f`rasu li jekk jaghmel hekk, huwa jista` jkun li kien ser ikun jikkompeti b`mod zleali mal-*partnership*.

Fisser illi Tarcisio Scicluna kien jaghmel il-final *accounts* tal-*partnership* li kienu jigi pprezentati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-informazzjoni kienet tigi moghtija lil Scicluna minn Noel Scerri. Spjega li huwa kien ikun fl-ufficju jara li x-xoghol qed isir. Spjega li huwa kien izomm kopja biex jaghmel return tat-taxxa tieghu. Huwa ezebixxa kopja tal-*accounts* tal-*partnership* bejn 1998 u 2004. Spjega li wara l-2004, ma kienx qed ikun hemm qbil bejniethom u l-*accounts* ma baqghux jigu approvati. Insista li l-*partnership* baqghet tinnegozja sal-2011. Huwa spjega li ma jafx x`sar mill-*accounts* ta` bejn 2004 sa 2011.

Huwa sostna li f`dawk iz-zminijiet, huwa kien ikun l-ufficju u huwa ma baqax jdahhal ir-*return* ghal *income tax* tieghu ghax ma kellux informazzjoni. Huwa kkonferma li l-*partnership* baqghet topera anke wara li nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti. Spjega li huwa kien partecipi fit-trading tal-*partnership* izda ma kienx qed jigi infurmat b`kollox. Spjega li huwa baqa` jmur l-ufficju sal-2008 peress li dak l-ufficju kien tal-kumpaniji u imbaghad kien inghata terminu mill-istralcjarju biex jinghalaq. Huwa sostna li l-likwidatur tal-kumpaniji kien Dottor Louis Cassar Pullicino. Spjega li mill-2004 lil hawn, il-*partnership* kienet tixtri mill-kumpaniji taghhom u tbigh miz-zewg hwienet li kellha.

Huwa kkonferma li fil-1999 hu u z-zewg hutu kienu nfirdu minn ma` huhom Louis. In fatti, kienu nfirdu minn kumpaniji ohra li kellhom u li kienu wkoll fl-istess generu tal-hwejjeg. Spjega li l-*partnership* kienet miftuha minn missieru u z-ziju taghhom. Spjega li z-ziju kien ceda sehmu u mbaghad meta miet missierhom, gie kollox fuqhom. Huwa kkonferma li fiz-zmien meta kien jinnegozzja missieru, din kienet ukoll tinnegozja fil-generu tal-hwejjeg. Missieru ma kellux kumpaniji apparti l-*partnership*. Spjega li huma kienu akkwistaw proprjeta` wara l-1999. Spjega li kellhom imhazen li kienu taghhom kif ukoll imhazen mikrijin. Spjega li l-kumpaniji kienu jixtru l-proprjetajiet u dan anke fiz-zmien meta kien ghadu involut huhom Louis.

Spjega li apparti l-*accounts*, il-VAT *returns* tal-*partnership* kien jiehu hsiebhom Noel Scerri u imbaghad kienu jarawhom kollha flimkien filwaqt li gieli kellhom persuna minn barra li kienet taghtihom daqqa t` id. Spjega li huwa kien jahdem fl-administration tal-ufficju izda kien anke jara l-hwienet ukoll. Spjega li l-ahhar VAT return ipprezentata kienet tal-2007. Spjega li l-*partnership* kellha overdraft fuqha qabel l-2003 u dan fi zmien meta kienu jimpurtaw bhala *partnership*. Minn dak iz-zmien lil hawn, il-*partnership* ma kellhiex overdraft. Spjega li l-kumpaniji kellhom *overdraft* u *loan* biex ikomplu jkabbru n-negozju. Spjega li l-*partnership* kienet tixtri mill-kumpaniji u tbiegh u kien waslu fi stadju li ser jaghmlu franchise ta` "*Sash*" f`wiehed mill-hwienet ta` Triq Santa Lucija. Spjega li kien ser jigi rrangat il-hanut minn *loan* li kellha l-kumpanija. Spjega li *Sash* kienet dahlet fi zmien meta kienu joperaw b`*Magri & Zammit*. Spjega li *Sash* kienet *franchise* li kienet tithaddem f`hanut minn tas-Sliema li kien hanut tal-kumpaniji. Spjega li kien ser isir ftehim bejn il-kumpanija u l-*partnership* biex tinbiegh din il-*franchise* fil-hanut fil-Belt ukoll. Ikkonferma li l-ftehim mad-ditta Taljana `*Sash*" sar mal-kumpanija.

**<u>Anthony Magri</u>** xehed illi l-*partnership* kienet giet krejata minn missieru u miz-ziju u giet ghandhom kif miet missieru u kif ceda sehmu z-ziju. Missieru miet fil-1986 mentri z-ziju ceda sehmu xi sentejn wara. Spjega li dak iz-zmien huh l-iehor Louis ukoll kien involut izda imbaghad infirdu fl-1999. Spjega li l-*partnership* kienet il-mezz li bih kienu jinnegozzjaw. Spjega li kif miet missierhom, kienu bdew jitkellmu biex ikabbru u huwa kien sab hanut gewwa ta` Sliema fl-1988. Spjega li dan kien mikri izda kienu ghamlu kundizzjoni li jistghu jakkwistawh fi zmien 25 sena u meta kien wasal it-terminu ta` zmien, dan il-hanut inxtara. Spjega li r-returns tat-taxxa kienu jsiru minn Noel Scerri li kien jghaddihom lil Stephen u imbaghad kienu jiltaqghu dwarhom. Xehed li Stephen kien fl-administration u kien jiehu hsieb hlasijiet, ecc. Huwa kien jiehu hsieb is-sezzjoni li tixtri u li taghmel qomos, flokkijiet u ggieget. Louis kien jaghmel l-istess izda kien jixtri l-ilbies u Noel kien jiehu hsieb il-hanut tal-*Playboy*. Spjega li kien hemm zmien fejn kienu ghamlu *diversification* u kienu dahlu anke fil-*catering*.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Qabel ma tqis il-mertu ta` l-azzjoni, il-Qorti tosserva li, in vista tal-ordni moghti fl-24 ta` April 2012, kienu sorvolati l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

Dan premess, il-Qorti tghid illi fl-Art 2, il-Kap 386 jiddefinixxi "socjeta` kummercjali" ("*commercial partnership*" fit-test Ingliz) bhala "*kumpannija jew socjeta` kummercjali ohra iffurmata u registrata taht dan l-Att jew iffurmata u registrata taht l-Ordinanza, meta applikabbli*".

Fil-kaz tal-lum jirrizulta li *Magri & Zammit* mhijiex kumpannija izda hija socjeta` f`isem kollettiv li ghandha n-numru P91.

Fil-Kap 386 il-legislatur haseb ghal tliet tipi ta` socjetajiet kummercjali :

1) is-socjeta` f`isem kollettiv li hija regolata bil-Parti III tal-Kap 386 li jifrex minn Art 7 sa Art 50 ;

2) is-socjeta` in akkomandita li hija regolata bil-Parti IV tal-Kap 386 li jkopri minn Art 51 sa Art 66A ; u

3) il-kumpannija ta` responsabilita` limitata li hija regolata minn parti kbira tal-istess Kap 386 u cioe` minn Art 67 sa Art 326.

Bl-istanza tal-lum, qed jintalab ix-xoljiment u l-istralc tas-socjeta`.

Ix-xoljiment ta` socjeta` f`isem kollettiv huwa regolat bl-Art.35 tal-Kap.386.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li r-rikorrenti qeghdin jibbazaw ruhhom fuq il-paragrafu (d) tal-Art.35.

Dwar din id-disposizzjoni, din il-Qorti qalet hekk fil-provvediment illi tat fit-22 ta` Novembru 2012 fil-kawza "**<u>Mary-Ann Caruana v. Sanzeo Malta (P1336</u>**)" :

> *Din il-Qorti trid tghid illi l-ligi taghna ma taghtix tifsira tar-ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta` ghaliex thalli fid-diskrezzjoni wiesa` tal-gudikant il-qies illi jizen il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz u fuq li jirrizulta jipprovdi konformement.*

Dan premess, il-Qorti tosserva bhala fatt illi fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2016, il-legali ta` l-intimati biddlu d-difiza taghhom minn wahda ta` rigett tat-talbiet tar-rikorrenti ghal wahda dijametrikament opposta ta` adezjoni ghall-istess talbiet.

Infatti kien dikjarat li l-intimati huma lesti li jaccettaw it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti peress li hareg bl-aktar mod car li mhuwiex aktar possibbli bejn it-tlett ahwa illi jmexxu s-socjeta` flimkien, apparti l-fatt li s-socjeta` llum mhijiex qeghda taghmel negozju.

Jidher li r-ragunijiet imressqa mir-rikorrenti halli jgib prova li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed biex jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta` intimata huma s-segwenti:

i. Ghal zmien twil is-socji intimati mexxew is-socjeta` b`mod arbitrarju fl-interessi taghhom u kontra l-interessi tas-socjeta; u tar-rikorrenti kif ukoll mexxew l-istess socjeta` minghajr ma taw rendikont tal-operat taghhom u tas-sitwazzjoni finanzjarja ta` l-istess socjeta`;
ii. Ir-rikorrenti talab informazzjoni u kjaramenti minghand is-socji intimati dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u patrimonjali tas-socjeta` izda din l-informazzjoni ma nghatatx lilu;
iii. Is-socji intimati hadu jew hallsu lilhom infushom flus appartenenti lis-socjeta` jew hadu jew thallsu flus appartenenti jew dovuti lis-socjeta` kif ukoll fethu kontijeit bankarji f`isimhom li fihom iddepozitaw u zbankaw jew thallsu, flus appartenenti lis-socjeta` u dan kollu minghajr ma kienu intitolati li jaghmlu hekk skond il-ligi;
iv. Is-socji intimati ghamlu negozju ghalihom jew ghal haddiehor b`konkorrenza ghas-socjeta` intimate bi ksur tal-artikolu 30 tal-Kap 386 u tal-klawsola 11 ta` l-istatut tas-socjeta` intimata;
v. L-*affectio societatis* bejn ir-rikorrenti u l-intimati intemm ghal kollox.

Wara li qieset l-assjem tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, il-Qorti tghid illi din is-socjeta` ghandha tigi xjolta fl-ahjar interess tas-socji.

Huwa tassew minnu li r-rimedju tax-xoljiment huwa mizura drastika. Madanakollu, fil-kaz tal-lum, irrizulta li s-socjeta` ma tistax timxi `l quddiem ghaliex hemm *deadlock* bejn is-socji kif ukoll hemm impossibilita` fit-tmexxija tas-socjeta` bhala azjenda kummercjali u cioe` azjenda li twaqqfet biex taghmel profitt. Jidher li hemm sfiducja shiha fit-tmexxija tas-socji l-ohra u li dan kollu kkulmina f`inerzja u waqfien fl-operat tas-socjeta`.

Kif inghad minn din il-Qorti fil-provvediment illi tat fil-kawza "**<u>Mary-Ann Caruana v. Sanzeo Malta (P1336</u>**)" :

*"fil-qasam socjetarju, fejn issehh id-diskordja, u l-isfiducja, il-konsegwenza li ssegwi tkun iddisfatta...."*

Fil-kaz tal-lum huwa mill-aktar evidenti illi ma hemm l-ebda fiducja bejn is-socji.

Min-naha l-wahda hemm Stephen Magri li dubbjuz u suspettuz tas-sitwazzjoni patrimonjali u finanzjarja tas-socjeta` qed jinsisti li jinghata stampa cara tal-pozizzjoni tas-socjeta *en nom collectif*. Jidher li minkejja li talab diversi drabi ghal din l-informazzjoni (anke kif irrizulta minn diversa korrispondenza u emails ezebiti a fol 178 sa 194 tal-process), qatt ma nghatat lilu informazzjoni preciza u konkreta tant li l-awditur imqabbad minnu, Victor Camilleri, kkonferma li bl-informazzjoni moghtija, huwa ma setax jasal ghal konkluzzjoni dwar il-pozizzjoni tas-socjeta` intimata (vide xhieda ta' Victor Camilleri kif ukoll id-diversi emails li ntbaghtu f' dan ir-rigward a fol 25 sa sa 38 tal-process bin-numru 240/2012 JZM). Mill-banda l-ohra, skont ix-xiehda ta` Noel Magri, huwa Stephen Magri li kien dejjem qed jaghmel il-bsaten fir-roti u spicca jostakola biss it-tmexxija tan-negozju tas-socjeta` intimata.

Hija mill-aktar apparenti l-isfiducja bejn l-ahwa Magri.

Din l-isfiducja "*qatlet*" is-socjeta` intimata.

Kien ippruvat ukoll illi nfetah kont kongunt fl-isem taz-zewg socji u dana minghajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Saret ukoll allegazzjoni li ttiehdu flejjes li kienu appartenenti lis-socjeta` intimata u b`hekk ir-rikorrenti ma hax sehmu minn tali flejjes.

Fuq il-lant l-iehor, l-intimati sostnew li kellu jinfetah kont bankarju iehor ghaliex Stephen Magri ma kienx qed jikkopera fit-tmexxija u fl-operat tas-socjeta` bil-konsegwenza li kien jinhtieg li jkun hemm kont iehor li jintuza ghal hlasijiet ta` kontijiet bhalma huma kontijiet ta` dawl, ilma u permessi. L-agir ta` dawn iz-zewg socji intimati gie gustifikat billi sostnew li setghu jittiehdu decizjonijiet minn tnejn minn socji ai termini tad-dokument ezebit a fol 67 tal-process u dana anke minkejja li kien hemm l-oppozizzjoni tas-socju l-iehor, ossija r-rikorrenti.

Ir-rikorrenti sostna ukoll li z-zewg socji l-ohra waslu fi ftehim biex jaghtu lura l-pussess tal-hanut li kien mikri ghand is-socjeta` intimata fi Strada Rjali ghal somma inferjuri ferm ghal valur tal-kirja ezistenti. Kuntrarjament ghal dan, Noel Magri insista li hu u s-socju l-iehor ghamlu l-almu taghhom sabiex jiggwadanjaw dak kollu li setghu minn din il-kirja u li kien Stephen Magri li qatt ma ppartecipa ghal-laqghat u ddiskuta maghhom dwar id-decizjonijiet li kellhom bzonn jittiehdu.

Din il-Qorti mhijiex ser toqghod tidhol dwar min ghandu htija ghal dak li sehh u li kkulmina fil-waqfien fl-operat ta` din is-socjeta`.

Lanqas ma hija ser tidhol fil-kwistjoni dwar jekk iz-zewg socji intimati ghamlux negozju b`konkorrenza ghas-socjeta` intimata bi ksur tal-artikolu 30 tal-Kap 386.

Skont l-artikolu 30(1) tal-Kap 386, socju ma ghandux, b`konkorrenza mas-socjetà u minghajr il-kunsens espress tas-socji l-ohra, jaghmel negozju ghalih jew ghal haddiehor jew ikun socju b`responsabbiltà llimitata f`socjetà ohra. Ir-rimedju f`kaz li tinkiser id-disposizzjoni tas-sub artikolu 1, huwa li s-socjeta` tista` b`ghazla taghha jew tfittex ghad-danni u mghax lil dan is-socju jew titlob il-hlas ta` kull profitt maghmul minnu bi ksur tal-imsemmija projbizzjoni. Madanakollu, dan huwa parti mill-mertu tal-kawza l-ohra konnessa ma` din odjerna u li ggib 240/2012. F`din il-kawza, it-talba hija biss dwar xoljiment u stralc tas-socjeta` kummercjali *Magri & Zammit* u ghalhekk, il-fatt jekk is-socji dahlux f`konkorrenza mas-socjeta` jew le, ma tammontax ghal raguni ta` ordni ghal xoljiment u stralc ta` socjeta` *en nom collectif*.

Ghal din il-Qorti, li ghandha quddiemha talba ghal xoljiment u stralc, huwa bizzejjed li jidher li hemm kunsens mill-partijiet, li ma ghadx hemm il-fiducja necessarja u essenzjali biex din is-socjeta` terga` tibda l-operat taghha.

**Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li minkejja d-diversi opportunitajiet li tat lill-partijiet sabiex jirregolaw il-posizzjoni taghhom dwar l-uniku assi tas-socjeta`, u cioe` l-kirja tal-hanut fi Strada Santa Lucija, il-kontendenti baqghu ma waslux ghal ftehim.**

**Din il-Qorti ma tarax li jista` jkun hemm futur ghas-socjeta`.**

<u>**Provvediment**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi :-**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju bis-setghat u bid-dmirijiet kollha hekk kif stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tordna li l-ispejjez ta` l-procediment, kif ukoll l-ispejjez u d-drittijiet relatati ma` l-istralc, ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrenti, u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-intimati.**

**Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 3 ta` Ottubru 2017 fid-9.00 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**